A.L. 10 ta' l-1992

ATT TA' L-1988 BIEX IHAJJAR PERSUNI JSIRU SID DARHOM (ATT NRU. XXVIII TA' L-1988)

Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti biex iħajru Persuni jsiru Sid Darhom (Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Irranġar)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1988 biex iħajjar Persuni jsiru Sid Darhom, id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali bl-approvazzjoni tas-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Politika Soċjali b'responsabbiltà għad-Djar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti biex iħajru Persuni jsiru Sid Darhom (Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Irranġar), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1990 biex iħajru Persuni jsiru Sid Darhom (Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Irranġar) hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 137 ta' l-1990.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata billi fis-subklawżola (1) tal-klawżola 3 ta' l-Iskema minflok il-kliem "mill-31 ta' Diċembru, 1991," għandhom jidħlu l-kliem "mill-31 ta' Lulju, 1992,".